

Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0220(COD)

7878/19
ADD 1

CODEC 789
INST 91
POLGEN 60
AG 11

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim ġenerali milħuq mill-koleġiżlaturi dwar il-proposta għal Regolament ġdid dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-Regolament il-ġdid jagħti riżultati dwar sejħiet għal azzjoni miċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati biex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u l-partitarji. Din toħloq il-kundizzjonijiet għal progress sinifikanti biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bħala strument biex tħeġġeġ id-dibattitu u l-parteċipazzjoni fil-livell Ewropew u biex tressaq lill-UE eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha.

Il-Kummissjoni tibqa' konvinta mill-importanza li tbaxxi l-età ta' appoġġ għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għal 16-il sena. Li tippermetti liċ-ċittadini Ewropej ta' età iżgħar biex jikkontribwixxu ideat dwar x'għandha tagħmel l-UE biex tarrikkixxi d-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet tal-UE u tgħin biex iġib lill-Unjoni eqreb lejn il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh. L-età minima għall-appoġġ ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li hija strument li ma jorbotx, tista' tkun differenti mill-età minima għall-votazzjoni. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha, għaldaqstant, li l-ftehim milħuq ma jbaxxix l-età ta' appoġġ għal 16-il sena fl-UE kollha kif previst fil-proposta oriġinali tagħha. Il-Kummissjoni madankollu tilqa' l-fatt li l-proposta tinkludi l-possibbiltà għall-Istati Membri biex inaqqsu l-età jekk ikunu jixtiequ, u tistedinhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi dwar din il-kwistjoni fir-rieżami regolari tagħha ta' kif l-inizjattiva qed tiffunzjona.

Dwar is-sistemi ta' ġbir online individwali, il-Kummissjoni tibqa' konvinta mill-importanza għall-organizzaturi li jkollhom il-possibbiltà li jużaw is-sistemi ta' ġbir online tagħhom, biex jiġu żgurati l-flessibbiltà u d-diversità ta' sistemi ta' ġbir. Jiddispjaċiha li l-ftehim ma jiżgurax l-eżistenza kontinwa tas-sistemi ta' ġbir online individwali minkejja l-impenn u l-appoġġ għal dawn is-sistemi mill-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jkunu kkonsultati dwar l-iżviluppi l-ġodda u t-titjib tas-sistema ċentrali ta' ġbir online għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej biex jikkunsidraw is-suġġerimenti u t-tħassib tagħhom.
